# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 973/20 JVC**

**Antonia Fenech I.D. 693748(M)**

**vs**

**Horace Fenech I.D. 345176(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Antonia Fenech ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti hija s-sid tal-fond numru 20A, Triq il-Qiegha Siggiewi

2. Illi dan il-fond kien gie akkwistat fiz-zwieg tar-rikorrenti ma' Emmanuel Fenech permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Philip Said tad-disgha ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (09/03/1992).

3. Illi r-rikorrenti u Emmanuel Fenech isseparaw in segwitu ghal zewg sentenzi tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-27 ta' Ottubru 2016, li gew konfermati mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017 [Rikors 15/10RGM u Rikors 74/10RGM]. Illi ai termini ta' dawn is-sentenzi, il-fond 20A, Triq il-Qiegha, Siggiewi gie assenjat lill-attrici in toto.

4. Illi dan gie ukoll konfermat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa tal-21 ta' Jannar 2019, fejn il-konjugi Fenech ikkonfermaw u qasmu skont is-sentenzi succicati (kopja annessa **Dok AF1**).

5. Illi r-rikorrenti u Emmanuel Fenech ghandhom diversi tfal li huma lkoll maggorenni, fosthom l-intimat Horace Fenech.

6. Illi r-rikorrenti kienet qieghda thalli lill-istess Horace Fenech jghix fil-fond numru 20A, Triq il-Qiegha Siggiewi bil-beneplacitu taghha b'mera tolleranza, u minghajr ebda titolu ta' kera u/jew titolu simili.

7. Illi Horace Fenech m'ghadux jghix fl-imsemmi fond izda qieghed jghix gewwa Sandawwar Farmhouse, Limiti tal-Fawwara, tas-Siggiewi.

8. Illi minkejja dan, Horace Fenech zamm ic-cwievet tal-fond tal-attrici, biddel is-serratura tal-fond, ghadu jaccedi fil-fond imsemmiji u baqa' jzomm diversi oggetti mobbli tieghu mill-fond.

9. Illi r-rikorrenti tixtieq li terga' tiehu l-pussess vakanti tal-proprjeta` taghha u ma tibqax ingumbrata bl-oggetti ta' Horace Fenech.

10. Illi r-rikorrenti talbet lill-konvenut diversi drabi sabiex jirritorna l-pussess tal-fond.

11. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 17 t'Awissu 2020 fl-istess ismijiet (ittra 2560/2020 Prim' Awla), kopja annessa **Dok AF2**, sabiex jivvaka mill-fond, hu baqa' inadempjenti u naqas milli jivvaka mill-fond. Illi jigi ccarat ghal kull bwon fini li l-ittra 2560/2020 erronjament tirreferi ghall-fond 22B Triq il-Qiegha Siggiewi meta r-referenza kellha tkun ghall-fond 20A, Triq il-Qiegha, Siggiewi. Illi l-fond 22, Mater Grazia, Triq il-Qiegha, Siggiewi (it-terran) huwa r-residenza tar-rikorrenti, waqt li l-fond 20A, Triq il-Qiegha, Siggiewi (il-mezzanin fuqu) huwa l-fond mertu ta' din il-kawza.

12. Illi l-intimat ma ghandu ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddisponi mill-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Illi r-rikorrenti tikkonferma li taf dawn il-fatti personalment u tikkonfermahom bil-gurament.

14. Illi ghalhekk kella issir il-kawza odjerna.

Għaldaqstant jgħid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensat mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna lill-konvenut jizgombra u jrodd il-pussess battal tal-fond 20A, Triq il-Qiegha Siggiewi, u dan entro terminu qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 17 t'Awissu 2020 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunta in subizzjoni, u b'rizerva ghad-drittijiet kollha tar-rikorrenti inkluz ghad-danni u telf ta' qliegh sakemm il-konvenut jirritorna l-pussess liberu u vakanti tal-fond.'.

Rat illi l-kawza giet ipprezentata bil-procediment sommarju specjali ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2021 u rat li f'dak l-istadju l-Qorti qieset li l-intimat Horace Fenech *prima facie* kellu eccezzjonijiet xi jressaq u ghalhekk awtorizzatu jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2021 l-intimat Horace Fenech gie dikjarat kontumaci;

Rat l-affidavit, xiehda, kuntratt ta' separazzjoni, ittra ufficjali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 4 ta' Novembru, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-intimat li jipprezenta nota ta' sottomissjoni b'terminu mpost fuqu;

Rat illi ma giet ipprezentata l-ebda nota ta' sottomissjonijiet pero' giet ipprezentata nota nhar it-12 ta' Jannar, 2022 fejn l-intimat Horace Fenech ammetta t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u ddikjara li huwa m'ghandux cwievet tal-fond 20A fi Triq il-Qiegh, Siggiewi, Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Antonia Fenech tippremetti li hija s-sid tal-fond 20A fi Triq il-Qiegha, Siggiewi, Malta liema fond kien inxtara minnha flimkien ma' zewgha Emmanuel Fenech fiz-zwieg. Tghid li in segwitu ghas-separazzjoni personali taghha minn ma' zewgha Emmanuel Fenech il-fond kien gie assenjat lilha permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Jannar, 2019 fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa (a fol. 5 et seq tal-process). Ir-rikorrenti fl-affidavit taghha a fol. 40 et seq tal-process issostni li hija kienet halliet lil binha l-intimat Horace Fenech jirrisjedi fil-fond unikament b'tolleranza peress li kienet thassritu. Issostni li malgrad li kienet talbet il-fond lill-intimat diversi drabi dan baqa' ma ghaddiliex ic-cwievet. Ghalhekk istitwiet il-kawza odjerna fejn talbet li l-intimat Horace

Fenech jigi zgumbrat u jrodd lura l-pussess battal tal-fond 20A fi Triq il-Qiegha, Siggiewi.

Illi min-naha tal-intimat Horace Fenech ghalkemm ma ressaq l-ebda risposta guramentata u in fatti gie dikjarat kontumaci, fid-deposizzjoni tieghu in ezami moghtija nhar l-4 ta' Novembru, 2021 a fol. 42 et seq tal-process sostna li huwa rranga hafna affarijiet fil-fond. Meta mistoqsi jekk kellux xi ftehim ta' kera jew ihallasx kera huwa wiegeb fin-negattiv u jghid li ilu li halla l-fond bejn 8 u 10 snin. Sussegwentement permezz tan-nota tat-12 ta' Jannar, 2022 huwa ammetta t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur u ddikjara li m'ghandux cwievet tal-fond.

Illi din il-Qorti tinnota li fit-talbiet ir-rikorrenti mhijiex titlob li l-intimat jtiha kopja tac-cavetta pero' qieghda titlob li jizgombra u jaghti l-pussess battal tal-fond. Ghalhekk id-dikjarazzjoni maghmula fin-nota ta' ammissjoni tat-12 ta' Jannar, 2022 li l-intimat m'ghandux cavetta effettivament ma taghmilx wisq differenza. Se mai mad-decizjoni r-rikorrenti jkollha kull jedd li tbiddel is-serratura sabiex tottjeni access ghall-fond.

Dan premess, il-Qorti rinfaccjata b'din l-ammissjoni tqis li m'ghandiex ghaliex tinoltra oltre u ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jizgombra u jrodd il-pussess battal tal-fond 20A, Triq il-Qiegha Siggiewi, u dan fi zmien massimu ta' xahar.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Marzu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Marzu, 2022**